MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 338/2011

**Schembri Concrete Blocks Ltd. (C-14123)**

**Vs**

**Tal-Herba Construction Limited (C-14183)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Schembri Concrete Blocks Ltd. fil-5 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema titlob li s-socjetà Tal-Herba Construction Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erbat elef disa' mija u sebgha u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€4,987.53), rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni li gie ordnat u kkonsenjat lilha; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors, u bl-imghax b'effett mill-20 ta' April 2010, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà Tal-Herba Construction Limited.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm debitament notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici;

Rat il-Kapitolu pprezentat mis-socjetà attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta fit-8 ta’ Mejju 2012;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ erbat elef disa’ mija sebgha u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€4,987.53), rapprezentanti bilanc tal-prez ta’ materjal ta’ kostruzzjoni li gie ordnat u kkonsenjat lilha.

Is-socjeta’ konvenuta ghalkemm debitament notifikata bir-Rikors promotur u bl-Avviz tas-Smigh ma pprezentatx Risposta in opposizzjoni ghat-talba attrici u ma deheritx biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici. Il-Kapitolu ipprezentat fil-konfront taghha ghalhekk qed jittiehed bhala mistqarr.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici huwa dovut lilha mis-socjeta’ konvenuta u li t-talba taghha ghall-hlas hija gustifikata.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta’ €4,987.53, bl-imghax dekooribbli mill-20 t’April 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u tal-Mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur jibqghu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------